PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2008/2157(INI)

16.10.2008

EMENDI
1 - 37

Abbozz ta' opinjoni
Philip Claeys
(PE409.742v01-00)

dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija Frontex u tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-fruntieri Eurosur
(2008/2157(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Béatrice Patrie

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. ***Jenfasizza li l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali tikkostitwixxi sewwasew l-ewwel prijorità tal-Unjoni Ewropea u jikkunsidra li huwa fatt essenzjali li l-Aġenzija FRONTEX qed tippromwovi ftehimiet ta' koperazzjoni operazzjonali flimkien mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-pajjiżi li, skont ħafna evalwazzjonijiet tar-riskju, huma kkunisidrati bħala pajjiżi li minnhom tgħaddi l-immigrazzjoni illegali;***	1. ***Ifakkar li l-objettiv tal-Aġenzija FRONTEX huwa li tiffaċilita l-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, inkluż f'dak li jikkonċerna l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, u jenfasizza f'dan ir-rigward li minbarra l-interċettazzjoni fl-ibħra, ikun f'loku li s-salvataġġ fl-ibħra jiżdied mal-mandat tal-FRONTEX***;

Or. fr

Emenda 2
Angelika Beer, Hélène Flautre

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li ***l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali tikkostitwixxi sewwasew l-ewwel prijorità tal-Unjoni Ewropea u jikkunsidra li huwa fatt essenzjali li*** l-Aġenzija FRONTEX ***qed tippromwovi ftehimiet ta' koperazzjoni operazzjonali flimkien mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-pajjiżi li, skont ħafna evalwazzjonijiet tar-riskju, huma kkunisidrati bħala pajjiżi li minnhom tgħaddi l-immigrazzjoni illegali;***	1.Jenfasizza li ***d-dritt li wieħed jitlaq minn pajjiżu u d-dritt li jitlob asil huma garantiti bil-liġi internazzjonali u li l-operazzjonijiet ta' interċettazzjoni tal-migranti, immexxija mill-***Aġenzija FRONTEX***, għandhom isiru fir-rispett sħiħ ta' dawn id-drittijiet; ifakkar f'dan ir-rigward dwar l-obbligi tal-Istati relatati mal-prinċipju tan-'non-refoulement' kif ukoll dwar il-projbizzjoni li ssir tkeċċija kollettiva; ifakkar ukoll dwar l-obbligi tal-Istati fir-rigward tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni***

tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; jenfasizza li l-verifika ta' talba għall-ażil, inkluża l-garanzija tal-proċedura marbuta ma' tali verifika, ma tistax issehħ f'nofs il-baħar ; iqis għalhekk li "refoulement" f'nofs il-baħar ma jippermettix garanzija tar-rispett tad-drittijiet tal-persuni li jkunu qed jitolbuażil u tal-migranti;

Or. fr

Emenda 3
Jelko Kacin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li l-***ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali tikkostitwixxi sewwasew l-ewwel prijorità tal-Unjoni Ewropea u jikkunsidra li huwa fatt essenzjali*** li l-Aġenzija FRONTEX ***qed tippromwovi*** ftehimiet ta' koperazzjoni operazzjonali flimkien mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea ***kif ukoll mal-pajjiżi li, skont ħafna evalwazzjonijiet tar-riskju, huma kkunisidrati bħala pajjiżi li minnhom tgħaddi*** l-immigrazzjoni illegali;	1. Jenfasizza li ***żieda fil-koperazzjoni transkonfinali mal-pajjiżi terzi hija essenzjali u li, għalhekk***, l-Aġenzija FRONTEX ***għandha twettaq*** ftehimiet ta' koperazzjoni operazzjonali flimkien mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea***; jinnota illi din il-koperazzjoni tirrappreżenta kontribuzzjoni importanti fil-ġlieda kontra*** l-immigrazzjoni illegali;

Or. en

Emenda 4
Maria Eleni Koppa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali tikkostitwixxi	1. ***Billi jqis li l-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tikkostitwixxi kundizzjoni***

sewwasew l-ewwel prijorità tal-Unjoni Ewropea u jikkunsidra li huwa fatt essenzjali li l-Aġenzija FRONTEX *qed* tippromwovi ftehimiet ta' koperazzjoni operazzjonali flimkien mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-pajjiżi li, skont ħafna evalwazzjonijiet tar-riskju, huma kkunisidrati bħala pajjiżi li minnhom tgħaddi l-immigrazzjoni illegali;	***preliminari, j***enfasizza li l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ***u l-ġestjoni u s-salvagwardja tal-fruntieri kollha tal-Unjoni jinsabu fost l-iktar prijoritajiet importanti*** tal-Unjoni Ewropea u jikkunsidra li huwa fatt essenzjali li l-Aġenzija FRONTEX tippromwovi ftehimiet ta' koperazzjoni operazzjonali flimkien mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea***, u li jsir ukoll skambju tal-aħjar prattika u promozzjoni ta' koperazzjoni ta' kuljum bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri,*** kif ukoll mal-pajjiżi li, skont ħafna evalwazzjonijiet tar-riskju, huma kkunisidrati bħala pajjiżi li minnhom tgħaddi l-immigrazzjoni illegali;
	Or. el

Emenda 5
Jelko Kacin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	1a Jenfasizza li l-miżuri tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u ta' tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, jekk ikun meħtieġ b'koperazzjoni mal-pajjiżi terzi, għandhom jirrispettaw il-garanziji u d-drittijiet fundamentali tal-persuni, hekk kif definiti fil-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea ta' Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, partikolarment id-dritt għall-ażil u d-dritt għan-'non-refoulement';
	Or. en

Emenda 6Tobias Pflüger
Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	1a Jenfasizza li l-attivitajiet tal-Frontex għandhom l-għan li jipproteġu lill-Unjoni Ewropea, li tirrappreżenta "spazju ta' sigurtà, libertà u ġustizzja", kontra l-immigrazzjoni, u li qed jinħoloq spazju fil-fruntieri tal-Unjoni fejn m'hemm l-ebda sigurtà, libertà jew ġustizzja, iżda li fih hemm kampijiet extraterritorjali fejn l-unitajiet ta' protezzjoni tal-fruntieri militarizzati jippersegwitaw il-migranti, fejn id-dritt għall-ażil huwa biss teoriku u fejn, ta' kuljum, imutu persuni li jkunu qabdu r-rotta lejn l-Ewropa;

Or. de

Emenda 7
Angelika Beer, Hélène Flautre

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Iqis li huwa essenzjali li l-***FRONTEX taghti għajnua bil-għan li ssaħħaħ lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati sabiex kemm it-taħriġ u l-kompetenza teknika tal-persunal ta' sorveljanza, kif ukoll is-sistemi ta' sorveljanza bejn il-fruntieri stess ikunu konformi man-normi u l-esiġenzi tal-UE; jirrakkomanda bil-qawwi f'dan ir-rigward li l-mezzi finanzjarji u tekniċi neċessarji jkunu disponibbli għall-Istati li jikkoperaw bi shih mal-FRONTEX;***	2. Iqis li huwa essenzjali li l-***persunal impjegat fl-operazzjonijiet tal-Aġenzija FRONTEX, u partikolarment fit-timijiet ta' intervenzjoni ta' malajr fil-fruntieri, jirċievu taħriġ dwar il-liġi umanitarja internazzjonali, u b'mod iktar speċifiku, dwar il-liġi tal-ażil u dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tat-trattament ħażin; ifakkar madankollu li r-responsabilità tal-verifika ta' talba għall-ażil hija biss tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-UNHCR, u li fl-ebda każ ma jistgħu jkunu responsabbli l-persunal tal-FRONTEX jew l-aġenti ta' sorveljanza tal-fruntieri;***

Or. fr

Emenda 8
Béatrice Patrie

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Iqis li huwa essenzjali li l-FRONTEX ***tagħti għajnua bil-għan li ssaħħaħ lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati sabiex kemm*** it-taħriġ u l-kompetenza teknika tal-persunal ta' sorveljanza, ***kif ukoll*** is-sistemi ta' sorveljanza bejn il-fruntieri stess ***ikunu konformi*** man-*normi* u l-esiġenzi tal-UE; jirrakkomanda bil-qawwi f'dan ir-rigward li l-mezzi finanzjarji u tekniċi neċessarji jkunu disponibbli għall-Istati li jikkoperaw bi sħiħ mal-FRONTEX;	2. Iqis li huwa essenzjali li l-FRONTEX ***tibqa' twettaq l-azzjonijiet tagħha favur i***t-taħriġ u l-kompetenza teknika tal-persunal ta' sorveljanza ***tal-Istati Membri tal-UE*** u ***jqis li huwa f'loku li jiġi previst taħriġ dwar il-kwistjonijiet ta' protezzjoni tar-refuġjati u tad-drittijiet fundamentali tal-migranti*** ; ***iqis*** ukoll ***li*** s-sistemi ta' sorveljanza bejn il-fruntieri stess ***għandhom josservaw*** ir-*regoli* u l-esiġenzi tal-UE ***fir-rispett tal-liġi internazzjonali***;

Or. fr

Emenda 9
Jelko Kacin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Iqis li huwa essenzjali li l-FRONTEX tagħti *għajnua* bil-għan li ssaħħaħ lill-awtoritajiet kompetenti ***ta' dawn l-Istati*** sabiex kemm it-taħriġ u l-kompetenza teknika tal-persunal ta' sorveljanza, kif ukoll ***is-***sistemi ta' sorveljanza bejn il-fruntieri stess ikunu konformi man-*normi* u l-esiġenzi tal-UE; jirrakkomanda bil-*qawwi* f'dan ir-rigward li l-mezzi finanzjarji u tekniċi neċessarji jkunu disponibbli għall-Istati li jikkoperaw ***bi sħiħ*** mal-FRONTEX;	2. Iqis li huwa essenzjali li l-FRONTEX tagħti *għajnuna* bil-għan li ssaħħaħ lill-awtoritajiet kompetenti ***tal-pajjiżi terzi*** sabiex kemm it-taħriġ u l-kompetenza teknika tal-persunal ta' sorveljanza ***ta' dawn il-pajjiżi***, kif ukoll is-sistemi ***tagħhom*** ta' sorveljanza bejn il-fruntieri stess ikunu konformi mar-*regoli* u l-esiġenzi tal-UE; jirrakkomanda bil-*qawwa* f'dan ir-rigward li l-mezzi finanzjarji u tekniċi neċessarji jkunu disponibbli għall-

Istati li jikkoperaw mal-FRONTEX;

Or. en

Emenda 10
Tobias Pflüger

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza wkoll li l-eżistenza u l-attivitajiet attwali tal-Frontex jikkontribwixxu b'mod determinanti sabiex jimxi 'l quddiem il-proċess tal-extraterritorjalizzazzjoni, li fil-kuntest tiegħu realment isseħħ definizzjoni mill-ġdid tal-"fruntieri" tal-Unjoni Ewropea, u jinsisti sabiex dan il-proċess jitwaqqaf immedjatament;

Or. de

Emenda 11
Jelko Kacin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-Libja huwa pajjiż ta' transitu konsiderevoli tal-immigranti illegali bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Italja jew Malta, u li huwa importanti li tiġi stabbilita forma ta' koperazzjoni strutturata, li fiha tinkludi b'mod sħiħ lil-Libja, fil-qasam tal-kontroll bejn il-fruntieri flimkien mal-Istati tan-Nofsinhar tal-Mediterran, fost dawn tal-aħħar il-Libja għandha rwol ewlieni; jitlob għaldaqstant li n-negozjati bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Libjani	***imħassar***

jerġgħu jiġu miftuħa;

Or. en

Emenda 12
Angelika Beer, Hélène Flautre

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-Libja ***huwa pajjiż ta' transitu konsiderevoli tal-immigranti illegali bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Italja jew Malta, u li huwa importanti li tiġi stabbilita forma ta' koperazzjoni strutturata, li fiha tinkludi b'mod sħiħ lil-Libja, fil-qasam tal-kontroll bejn il-fruntieri flimkien mal-Istati tan-Nofsinhar tal-Mediterran, fost dawn tal-aħħar il-Libja għandha rwol ewlieni***; ***jitlob għaldaqstant li n-negozjati*** bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Libjani ***jerġgħu jiġu miftuħa***;	3. Jinnota li l-Libja ***mhuwiex Stat li jagħmel parti mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-istatus tar-refuġjati u ma ttrasponiex fil-liġi nazzjonali tiegħu id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Unjoni Afrikana fir-rigward tal-istatus tar-refuġjati; ifakkar ukoll li l-migranti li jintbagħtu lura fil-Libja m'għandhom l-ebda mezz ta' protezzjoni jew ta' rikors kontra r-riskji ta' trattament ħażin; iqis għalhekk li fin-nuqqas ta' garanziji bħal dawn, ma jistgħu jsiru l-ebda negozjati*** bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Libjani;

Or. fr

Emenda 13
Béatrice Patrie

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-Libja huwa pajjiż ta' transitu ***konsiderevoli*** tal-immigranti illegali bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Italja jew Malta, ***u li huwa importanti li tiġi stabbilita forma ta' koperazzjoni strutturata, li fiha tinkludi b'mod sħiħ lil-Libja***, fil-qasam tal-kontroll bejn il-fruntieri ***flimkien mal-Istati tan-Nofsinhar tal-Mediterran, fost dawn tal-***	3. Jinnota li l-Libja huwa pajjiż ta' transitu *importanti* tal-immigranti illegali bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Italja jew Malta, ***jieħu nota tal-mandat mogħti lill-Kummissjoni mill-Kunsill biex jerġgħu jinbdew in-negozjati mal-Libja*** fil-qasam tal-kontroll bejn il-fruntieri ***u jitlob li jinżamm infurmat sew dwar l-andament ta' dawn***

aħħar il-Libja għandha rwol ewlieni; ***jitlob għaldaqstant li n-negozjati bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Libjani jerġgħu jiġu miftuħa***;	***in-negozjati;***

Or. fr

Emenda 14
Tobias Pflüger

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. Iqis li huwa urġent li tintemm il-koperazzjoni operattiva prattikata mill-Frontex mal-gwardjani tal-fruntieri, kif ukoll il-koperazzjoni fil-fond mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-impriżi tat-trasport, mal-konsulati, mal-ambaxxati eċċ, li sseħħ permezz ta' skambju reali tad-dejta;

Or. de

Emenda 15
Maria Eleni Koppa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. Iqis li huwa indispensabbli li l-FRONTEX tikkopera mal-Istati Membri u mal-pajjiżi terzi sabiex teqred in-netwerks ta' persuni li jgħaddu lill-immigranti illegali minn pajjiż għall-ieħor;

Or. el

Emenda 16
Philip Claeys

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-flussi migratorji li jgħaddu mill-Gżejjer Kanarji u minn Spanja; jinsisti għalhekk li l-UE ssaħħaħ il-koperazzjoni operattiva fil-ġestjoni tal-fruntieri mal-pajjiżi Afrikani ta' oriġini u ta' transitu kkonċernati;

Or. en

Emenda 17
Angelika Beer, Hélène Flautre

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
4. Iqis li hu meħtieġ li l-FRONTEX tasal għal ftehima flimkien mal-awtoritajiet Torok fil-futur qarib u li l-pulizija nazzjonali, il-ġendarmerija u l-għassiesa tal-kosta Torka jipparteċipaw bis-sħiħ f'din il-koperazzjoni futura; jirrakkomanda bil-qawwi evalwazzjoni sistematika u fil-fond tal-implimentazzjoni ta' ftehima futura bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Torok; ifakkar f'dan ir-rigward li l-aħħar rawnd ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija dwar ftehima ta' tkomplija imur lura għal Diċembru tal-2006 u li l-Kummissjoni Ewropea nnifisha tirrikonoxxi li dawn in-negozjati attwalment huma weqfin;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 18
Jelko Kacin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
4. Iqis li hu meħtieġ li l-FRONTEX tasal għal ftehima flimkien mal-awtoritajiet Torok fil-futur qarib u li l-pulizija nazzjonali, il-ġendarmerija u l-għassiesa tal-kosta Torka jipparteċipaw bis-sħiħ f'din il-koperazzjoni futura; jirrakkomanda bil-qawwi evalwazzjoni sistematika u fil-fond tal-implimentazzjoni ta' ftehima futura bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Torok; ifakkar f'dan ir-rigward li l-aħħar rawnd ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija dwar ftehima ta' tkomplija imur lura għal Diċembru tal-2006 u li l-Kummissjoni Ewropea nnifisha tirrikonoxxi li dawn in-negozjati attwalment huma weqfin;	***imħassar***

Or. en

Emenda 19
Béatrice Patrie

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
4. Iqis li hu meħtieġ li l-FRONTEX tasal għal ftehima flimkien mal-awtoritajiet Torok fil-futur qarib u li l-pulizija nazzjonali, il-ġendarmerija u l-għassiesa tal-kosta Torka jipparteċipaw bis-sħiħ f'din il-koperazzjoni futura; jirrakkomanda bil-*qawwi* evalwazzjoni sistematika u fil-fond tal-implimentazzjoni ta' ftehima futura bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Torok;	4. Iqis li hu meħtieġ li l-FRONTEX tasal għal ftehima flimkien mal-awtoritajiet Torok fil-futur qarib u li l-pulizija nazzjonali, il-ġendarmerija u l-għassiesa tal-kosta Torka jipparteċipaw bis-sħiħ f'din il-koperazzjoni futura; jirrakkomanda bil-*qawwa li ssir* evalwazzjoni sistematika u fil-fond tal-implimentazzjoni ta' ftehima futura bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet

ifakkar f'dan ir-rigward li l-aħħar rawnd ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija dwar ftehima ta' tkomplija imur lura għal Diċembru tal-2006 u li l-Kummissjoni Ewropea nnifisha tirrikonoxxi li dawn in-negozjati attwalment huma weqfin;	Torok;
	Or. fr

Emenda 20
Maria Eleni Koppa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
4. Iqis li hu meħtieġ li l-FRONTEX tasal għal ftehima flimkien mal-awtoritajiet Torok fil-futur qarib u li l-pulizija nazzjonali, il-ġendarmerija u l-għassiesa tal-kosta Torka jipparteċipaw bis-sħiħ f'din il-koperazzjoni futura; jirrakkomanda bil-*qawwi* evalwazzjoni sistematika u fil-fond tal-implimentazzjoni ta' ftehima futura bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Torok; ifakkar f'dan ir-rigward li l-aħħar rawnd ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija dwar ftehima ta' tkomplija *imur* lura għal Diċembru tal-2006 u li l-Kummissjoni Ewropea nnifisha tirrikonoxxi li dawn in-negozjati attwalment huma weqfin;	4. Iqis li hu meħtieġ li l-FRONTEX tasal ***sa minn issa*** għal ftehima flimkien mal-awtoritajiet Torok fil-futur qarib u li l-pulizija nazzjonali, il-ġendarmerija u l-għassiesa tal-kosta Torka jipparteċipaw bis-sħiħ f'din il-koperazzjoni futura***, billi jitqies li hemm numru sinifikanti ta' immigranti illegali li, ta' kuljum, jitlaq minn dan il-pajjiż sabiex jasal fil-Greċja;*** jirrakkomanda bil-*qawwa* evalwazzjoni sistematika u fil-fond tal-implimentazzjoni ta' ftehima futura bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet Torok; ifakkar f'dan ir-rigward li l-aħħar rawnd ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija dwar ftehima ta' tkomplija *jmur* lura għal Diċembru tal-2006 u li l-Kummissjoni Ewropea nnifisha tirrikonoxxi li dawn in-negozjati attwalment huma weqfin;
	Or. el

Emenda 21
Jelko Kacin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	4a. Iqis li l-kontroll tal-fruntieri u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali jikkostitwixxu aspett wieħed biss tal-politika tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi; huwa tal-opinjoni li għandha tiġi stabbilita politika attiva ta' żvilupp fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, bil-għan li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti negattivi tal-emigrazzjoni;

Or. en

Emenda 22
Tobias Pflüger

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	4a. Iqis li hija r-realtà li l-attivitajiet tal-Frontex jimpedixxu s-salvataġġi fl-ibħra, jonqsu sistematikament milli josservaw id-drittijiet mogħtija mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-refuġjati u, f'ċertu sens, iwasslu lill-persuni għall-mewt tagħhom;

Or. de

Emenda 23
Angelika Beer, Hélène Flautre

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ***ta' sorveljanza tal-fruntieri*** ta' pajjiż terz***, aktar u aktar ta' pajjiż kandidat,*** *jiġu inklużi fil-qafas* ***tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħha mal-Istat ikkonċernat, u li d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ammissibilità minn Stat fuq talba għall-koperazzjoni mal-FRONTEX għandu jkollha konsegwenzi diretti fuq dawn ir-relazzjonijiet***;	5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ta' pajjiż terz *jaqgħu taħt i****l-liġi internazzjonali u għandhom għalhekk jiggarantixxu l-prinċipju tan-'non-refoulement'; iqis għalhekk f'dan ir-rigward li ma jistax ikun hemm ftehima ma' pajjiżi terzi li meta l-immigranti illegali jintbagħtu lura fihom, dawk jistgħu jiġu trattati bi krudeltà, b'mod inuman jew degradanti, jiġu soġġetti għal tortura jew għal kwalunkwe tpattija oħra għas-sempliċi fatt li telqu mill-pajjiż terz inkwistjoni; iqis għalhekk li l-ebda ftehima ta' rijammissjoni m'għandha tkopri persuni oħra minbarra ċittadini jew residenti tal-pajjiż terz inkwistjoni;***
	Or. fr

Emenda 24
Jelko Kacin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri ta' pajjiż terz, aktar u aktar ta' pajjiż kandidat, *jiġu inklużi fil-qafas* ***tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħha mal-Istat ikkonċernat, u li d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ammissibilità minn Stat fuq talba għall-koperazzjoni mal-FRONTEX għandu jkollha konsegwenzi diretti fuq dawn ir-relazzjonijiet;***	5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri ta' pajjiż terz, aktar u aktar ta' pajjiż kandidat, *għandhom jidħlu fil-kuntest tal-****objettivi komuni mal-Unjoni Ewropea;***
	Or. en

Emenda 25
Béatrice Patrie

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri ta' pajjiż terz**, aktar u aktar ta' pajjiż kandidat, jiġu inklużi fil-qafas tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħha mal-Istat ikkonċernat, u li d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ammissibilità minn Stat fuq talba għall-koperazzjoni mal-FRONTEX għandu jkollha konsegwenzi diretti fuq dawn ir-relazzjonijiet**;	5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri ta' pajjiż terz ***huma ta' natura li jsaħħu r-relazzjonijiet politiċi bejn l-Unjoni Ewropea u dawn il-pajjiżi u li jiżguraw ġestjoni konġunta tal-fruntieri, li tosserva d-drittijiet tal-persuni***;

Or. fr

Emenda 26
Maria Eleni Koppa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri ta' pajjiż terz, aktar u aktar ta' pajjiż kandidat, jiġu inklużi fil-qafas tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħha mal-Istat ikkonċernat, u li d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ammissibilità minn Stat fuq talba għall-koperazzjoni mal-FRONTEX għandu jkollha konsegwenzi diretti fuq dawn ir-relazzjonijiet;	5. Iqis li n-negozjati dwar il-ftehima bejn il-FRONTEX u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri ta' pajjiż terz, aktar u aktar ta' pajjiż kandidat, ***u iktar minn hekk pajjiż li jkun beda triqtu lejn sħubija fl-UE,*** jiġu inklużi fil-qafas tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħhom mal-Istat ikkonċernat, u li d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ammissibilità minn Stat fuq talba għall-koperazzjoni mal-FRONTEX għandu jkollha konsegwenzi diretti fuq dawn ir-relazzjonijiet;

Or. el

Emenda 27
Tobias Pflüger

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	5a. Iqis li, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, huwa neċessarju li mill-aktar fis tingħalaq l-Aġenzija Frontex u jitlob li l-krediti li b'hekk ikunu nħelsu jingħataw għal programmi ta' għajnuna lir-refuġjati u biex fl-Istati Membri tinbeda r-regolarizzazzjoni tal-migranti "illegali" li jgħixu fihom;

Or. de

Emenda 28
Maria Eleni Koppa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	5a. Ifakkar lill-pajjiżi terzi li huma obbligati li, b'mod rigoruż, jimplimentaw il-ftehimiet bilaterali eżistenti kif ukoll il-protokolli ta' rijammissjoni konklużi mal-Istati Membri tal-UE;

Or. el

Emenda 29
Philip Claeys

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	5a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex b'mod immedjat jagħtu lill-Parlament aċċess mingħajr restrizzjonijiet għad-dokumenti rigward l-attivitajiet tal-FRONTEX, sabiex jiġu rispettati l-prinċipji ta' kontroll parlamentari;

Or. en

Emenda 30
Tobias Pflüger

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jeżaminaw il-mod li bih il-FRONTEX u l-EUROSUR jistgħu jiġu integrati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kummerċ illegali tal-armi, it-traffikar tad-droga u l-kriminalità internazzjonali.	***imħassar***

Or. de

Emenda 31
Angelika Beer, Hélène Flautre

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
6. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jeżaminaw il-mod li bih il-FRONTEX u l-EUROSUR jistgħu jiġu integrati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kummerċ illegali tal-armi, it-traffikar tad-droga u l-kriminalità internazzjonali.***	6. ***Iqis li l-informazzjoni mogħtija lill-Parlament Ewropew fir-rigward tal-attivitajiet tal-Aġenzija FRONTEX mhijiex biżżejjed; jirrakkomanda f'dan ir-rigward li d-direttur tal-Aġenzija jkun jista' jinstema' regolarment mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili u mill-Kumitat***

għall-Affarijiet Barranin; jipproponi l-organizzazzjoni ta' dibattitu annwali fis-seduta plenarja dwar ir-rapport tal-attivitajiet tal-Aġenzija FRONTEX;

Or. fr

Emenda 32
Béatrice Patrie

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jeżaminaw ***il-mod li bih*** il-FRONTEX u l-EUROSUR ***jistgħu jiġu integrati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kummerċ illegali tal-armi, it-traffikar tad-droga u l-kriminalità internazzjonali***.	6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jeżaminaw ***is-sinerġiji pożittivi bejn*** il-FRONTEX u l-EUROSUR ***u jitlob li l-Parlament Ewropew ikun infurmat sew dwar id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-futur;***

Or. fr

Emenda 33
Jelko Kacin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ***jeżaminaw il-mod li bih*** il-FRONTEX u l-EUROSUR jistgħu jiġu integrati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kummerċ illegali tal-armi, it-traffikar tad-droga u l-kriminalità internazzjonali.	6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ***jevalwaw jekk*** il-FRONTEX u l-EUROSUR ***jistgħux*** jiġu integrati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kummerċ illegali tal-armi, it-traffikar tad-droga u l-kriminalità internazzjonali.

Or. en

Emenda 34
Angelika Beer, Hélène Flautre

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	6a. Iqis li huwa importanti ferm li, fil-ġejjieni, l-attività tal-Aġenzija Frontex issaħħ b'tali mod illi tkun kemm jista' jkun trasparenti, u tkun soġġetta għal kontroll parlamentari regolari;

Or. de

Emenda 35
Inger Segelström

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza li l-Frontex għandha tintegra l-ġlieda kontra t-traffikar tal-Bnedmin fl-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari fil-fruntieri esterni tal-UE;

Or. sv

Emenda 36
Inger Segelström

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	6b. Iqis li waħda mill-aktar missjonijiet importanti tal-Frontex għandha tkun li jiġu mfassla linji gwida sabiex jinqasmu l-kompetenzi bejn l-Istati Membri f'dak li jikkonċerna l-għajnuna lir-refuġjati li

jieħdu r-rotta tal-baħar;

Or. sv

Emenda 37
Inger Segelström

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	6c. Jenfasizza kemm huwa importanti li l-liġi Komunitarja tkun konformi mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi internazzjonali sabiex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tikkontribwixxi b'mod effikaċi għall-miżuri meħtieġa biex tingħata l-għajnuna lir-rifuġjati li jkunu jeħtiġuha.

Or. sv